**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2007**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **STORJA** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem: ______________________________** **Klassi: _________________**

**1. Qabbel dawn il-kliem. L-ewwel waħda ġiet mogħtija bħala eżempju.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-qajd | | ibaħħru skond il-kwiekeb |
| 2. | Kajju Verres | | stil ta' arkitettura |
| 3. | l-Għarbi | | ħa lil Malta tul il-gwerer Puniċi |
| 4. | Titu Sempronju Longu | | kolonja tal-Griegi |
| 5. | Feniċi | | ktieb qaddis għall-Misilmin |
| 6. | Doriku | | l-alla l-kbir tal-Griegi |
| 7. | Sirakuża | | pretur Ruman |
| 8. | polis | | belt qaddisa għall-Misilmin |
| 9. | Mekka | 1 | mexxej Għarbi |
| 10. | Koran | | belt u stat indipendenti |
| 11. | Żeus | | lingwa semitika |

**(1 x 10 = 10 marki)**

**2. Ikteb jekk hux VERU jew FALZ.**

2.1 Dijonisju kien l-alla ta' l-inbid u x-xalar. _______________________

2.2 L-imperatur Konstantinu ma ħaqarx lill-insara. _______________________

2.3 L-Ipoġew huwa fil-limiti tal-Mellieħa. _______________________

2.4 Fl-Ipoġew insibu tpinġija mas-saqaf. _______________________

2.5 Ir-Rumani kellhom imperu li baqa' sejjer saċ-Ċina. _______________________

2.6 Il-ħaġra ta' Majmuna hija fdal ta' l-Għarab f'Malta. _______________________

2.7 Aristotli kien filosfu kbir Grieg. _______________________

2.8 Sokrate kien filosfu kbir Ruman. _______________________

2.9 L-Għarab influwenzaw il-lingwa Maltija. _______________________

2.10 Il-Feniċi kellhom forma ta' kitba. _______________________

2.11 Fil-Kolossew kien isir logħob vjolenti. _______________________

2.12 L-Ingilterra ġiet mirbuħa mir-Rumani. _______________________

2.13 L-akwadott ġie vvintat mill-Kartaġiniżi. ____________________

2.14 Fi żmien l-Għarab l-irġiel kienu jilbsu l-muntiera f'rashom. ____________________

2.15 L-Għarab ħakmu lil Malta qabel ir-Rumani. ____________________

**(1 x 15 = 15 marki)**

**3. <u>Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet</u>.**



3.1 L-oġġett f'din l-istampa hija biċċa fuħħar antika. Għalfejn taħseb li hi importanti?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________ (2 marki)

3.2 Fejn jinżammu fdalijiet simili?

______________________________________ (marka)

3.3 Għalfejn jinżammu f'dan il-post?

______________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (2 marki)

3.4 Agħmel sinjal taħt it-**tlett** ibliet li minnhom ġew il-Feniċi.

(Biblos, Atene, Sidon, Tiru, Sparta, Limassol) (3 marki)

3.5 Agħmel sinjal taħt iż-żewġ allat li kienu jaduraw il-Kartaġiniżi.

(Melkart, Proserpina, Astarte, Hera, Venere, Zeus) (2 marki)

3.6 Il-Feniċi kellhom drapp vjola fl-aħmar li kienu jinnegozjaw ma' ġnus oħra. Kif kienu jiksbu dan il-kulur? Agħmel sinjal taħt it-tajba.

(billi jgħallu kwalità ta' bebbuxu, billi jiħduh minn kwalità ta' siġra, billi jiħduh mid-demm ta' l-annimali) (marka)

3.7 Il-Feniċi kienu (xjenzati / baħħara) u (negozjanti / mużiċisti) mill-aqwa. (2 marki)

3.8 Il-Feniċi waqqfu belt fl-Afrika ta' Fuq li aktar tard waqqfet imperu hi ukoll. Liema belt kienet?

________________________________________________________________________ (marka)

3.9. Il-Kartaġiniżi kienu ġellieda tajbin. (VERU/FALZ) (marka)

**(Total – 15-il marka)**

**4.** **<u>Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet</u>.**

*"Fir-Rabat ta' Malta nstabu bosta fdalijiet taż-żmien meta l-gżejjer Maltin kienu taħt idejn ir-Rumani. M'ilux ġie rrestawrat il-Mużew li fih kienu jinżammu dawn il-fdalijiet. Dan il-Mużew jissejjaħ id-Domus Romana. Ftit 'il bogħod minnu nstabu fdalijiet ta' oqbra Għarab. Dan jurina li, anke fi żmien l-Għarab, fir-Rabat u fl-inħawi tal-madwar kien hemm komunità kbira ta' nies."*

4.1 Fis-silta tissemma' d-Domus Romana. Semmi **żewġ** postijiet oħra fejn instabu fdalijiet Rumani fil-gżejjer Maltin.

_______________________________________________ (2 marki)

4.2 Aqta' sinjal taħt **tliet** tipi ta' fdalijiet Rumani li nsibu fid-Domus Romana.

(karettun, fossili ta' iljunfanti, statwi ta' l-irħam, mużajk, xwabel, amfore) (3 marki)

4.3 Min kien Ġulju Ċesri?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

4.4 Kontra min iġġieldu r-Rumani fil-Gwerer Puniċi?

_______________________________________________ (marka)

4.5 Kemm-il gwerra Punika kien hemm?

_______________________________________________ (marka)

4.6 Semmi ġeneral Kartaġeniż famuż fil-Gwerer Puniċi.

_______________________________________________ (marka)

4.7 Fi żmien ir-Rumani, il-gżejjer Maltin kienu jintużaw għall-għasir taż-żebbuġ. Għaliex din l-industrija kienet importanti?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

4.8 Semmi **żewġ** postijiet fil-gżejjer Maltin marbuta ma' din l-industrija.

_______________________________________________ (2 marki)

**(total 15-il marka)**

5. **<u>Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet</u>.**



5.1 Din hija stampa ta’ katakombi. Aqta’ sinjal taħt **żewġ** postijiet fejn instabu l-katakombi fil-gżejjer Maltin.
(ir-Rabat ta’ Malta, tal-Mintna fl-Imqabba, f’Ħal Tarxien, f’Tas-Sliema, f’Ħal Lija) (2 marki)

5.2 Qabel il-miġja ta’ San Pawl, il-Maltin kienu pagani. X’tifhem b’din il-kelma?

__________________________________________

____________________________________ (2 marki)

5.3 Aqta’ sinjal taħt l-isem ta’ **tliet** allat li kienu jaduraw il-Maltin qabel il-miġja tal-Kristjaniżmu.
(Buddha, Odin, Ġunone, Proserpina, il-Fargħuni, l-alla tal-fertilità) (3 marki)

5.4 Fejn nafu li fil-preistorja l-bniedem kien jadura l-allat?

__________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

5.5 Fil-gżejjer Maltin hawn aktar minn (20, 50, 80) tempju preistoriku. (marka)

5.6 Ikteb paragrafu fuq wieħed mit-tempji preistoriċi li nstabu fil-gżejjer Maltin.

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5 marki)

**(Total – 15-il marka)**

6. **<u>Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet</u>.**

*“Inqalgħet taqtigħa kbira bejn Ateni u Sparta, żewġt ibliet kbar fil-Greċja bi stil ta’ tmexxija differenti ħafna minn xulxin. Il-gwerra ntrebħet mill-Ispartani li kienu magħrufa għall-ħajja iebsa u dixxiplinata li kienu jgħixu. Sa minn ċkunithom it-tfal Spartani kienu jinfirdu mill-familji tagħhom biex ma jittrabbewx fil-fsied. Minħabba f’hekk ħafna kienu jibżgħu minnhom għax fil-gwerer ġabu ruħhom ta’ suldati mill-aktar feroċi.”*

6.1 Il-Griegi daħlu s-sistema demokratika fit-tmexxija. X’tifhem b’ “demokrazija”?

______________________________________________________________________ (2 marki)

6.2 Il-Griegi kienu jħobbu ħafna l-isport. X'għandna llum li jfakkarna fihom f'dan il-qasam?

_______________________________________________ (2 marki)

6.3 Semmi **żewġt** ibliet fil-Greċja Antika.

_______________________________________________ (2 marki)

6.4 Barra milli fil-qasam ta' l-isport, semmi **tliet** oqsma oħra li fihom il-Griegi ħallew wirt kbir.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

6.5 Barra milli bil-flus, b'liema metodu kien isir il-kummerċ f'dawk iż-żminijiet imbiegħda?

_______________________________________________ (marka)

6.6 Qabel ma bdew jibnu d-djar, fejn kienu jgħixu n-nies tal-preistorja?

_______________________________________________ (marka)

6.7 Fi Żmien il-Ħaġar għal xiex kien jintuża ż-żnied?

_______________________________________________ (marka)

6.8 Aqta' sinjal taħt il-bniedem li xerred ir-reliġjon Iżlamika.

(Mosè, Muħammed, Gilgamex, Ġesù) (marka)

6.9 L-Eġizzjani kienu jużaw (il-papiru, l-injam, il-ħadid) biex jiktbu fuqu. (marka)

6.10 L-Eġizzjani (kienu / ma kinux) jemmnu f'ħajja wara l-mewt. (marka)

6.11 Għaliex ix-xmara Nil kienet importanti għall-Eġizzjani?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

6.12 Għaliex kienu jintuża l-akwadott?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

6.13 X'kien isir fl-amfiteatri Rumani? Aqta' sinjal taħt it-tajba.

(ir-Rumani kienu jiżfnu, ir-Rumani kienu jkantaw, ir-Rumani kienu jaraw il-ġlied tal-gladjaturi) (marka)

**(Total – 20 marka)**

**7. <u>Ikteb dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti</u>.**

7.1 Il-piramidi jixhdu l-kobor taċ-ċiviltà Eġizzjana. Ikteb x'taf dwar din iċ-ċiviltà importanti.

7.2 Il-ġrajja ta' Kajjus Verres baqgħet tissemma' ħafna. Ikteb x'taf dwarha.

7.3 Ikteb dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta. **(10 marki)**